MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-22 ta' Lulju, 2003

Numru 553/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Michael Mallia)**

**vs**

**Jeffrey John Brincat, Kevin Scerri, Clint Scicluna u Marvin Zammit**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputati Jeffrey John Brincat ta’ 20 sena, bin Gioacchino u Grace nee’ Azzopardi imwieled Pieta’ fis-26 ta’ Mejju, 1982 u residenti 185, Triq Stiefnu Zerafa, Marsa detentur ta’ karta ta’ identita numru 290282(m);

Kevin Scerri ta’ 19-il sena bin Carmel u Dolores nee Grima imwieled Pieta fis-7 ta’ Mejju 1984 u residenti 21,

Flat 3, Triq in-Nazzarenu, Hamrun detentur ta’ karta ta’ identita’ numru 230384(m);

Clint Scicluna ta’ 16-il sena bin Raymond u Joan nee Cacciattolo imwieled Pieta fit-22 ta’ Awissu 1986 u residenti 148, Triq Stiefnu Zerafa, Marsa detentur ta’ karta ta’ identita’ numru 406286(m);

Marvin Zammit ta’ 16-il sena bin Marija Theresa nee Zammit imwieled Pieta fil-24 ta’ Lulju 1986 u residenti Narcis, Triq il-Qawsalla, Msida detentur ta’ karta ta’ identita’ numru 340286(m); akkuzati talli:

**Jeffrey John Brincat wahdu** fit-13 ta’ Marzu 2003 fi Triq il-Ferrovija Sta. Venera bil-hsieb li jaghmel delitt volontarjament ta’ nar fir-residenza bl-isem ‘Villa Yorchis’ fejn huwa wera l-hsieb b’atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w idipendenti mill-volonta tieghu bi ksur tal-artikoli 316(b) w 41(1a) rispettivament tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

fl-istess lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli specifikatament ghamel hsara fuq il-proprjeta bl-isem ta’ ‘Villa Yorchis’ sitwata fi Triq il-Ferrovija, Sta. Venera ghad dannu tas-sidien ta’ l-imsemmi fond liema hsara teccedi Lm50 izda hija inqas minn Lm500, u dan bi ksur tal-artikolu 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Kevin Scerri, Clint Farrugia w Marvin Zammit wahedhom** fl-istess lok, hin u cirkostanzi huma xjentement ghenu jew assistew lill-awtur Jeffrey John Brincat fl-atti li bihom l-imsemmija delitti gew preparati jew ikkunsmati u dan bi ksur tal-artikolu 42(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti w d-dokumenti kollha.

Semghet lill-imputati jiddikjaraw f’din l-ewwel udjenza tal-kawza li huma qed jammettu l-akkuzi.

Ikkunsidrat:

Illi in vista tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputati li ippersistew fiha anka wara li l-Qorti taghthom zmien jahsbuha, f'liema ammissjoni l-imputati ippersistew, qeghdha ghalhekk, ai termini tal-ligi, tghaddi biex tinfliggi l-piena.

Rat l-artikoli 316(b), 41(1)(a), 325(b) u 17 tal-Kap 9 fir-rigward l-imputat Jeffrey John Brincat u l-Artikolu 42(d) tal-Kap 9 fir-rigward l-imputati l-ohra Kevin Spiteri, Clint Farrugia u Marvin Zammit u ikkonsidrat ic-cirkustanzi kollha wara il ikkonsidrat l-fedina penali taghhom tiddeciedi li tilliberhom bl-applikazzjoni tal-Art. 22 tal-Kap 446 ghal perjodu ta' tlett snin kull wiehed millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------